Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,965, 25 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 303 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry - B.Sc. (Hons) Med. Biochem. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry - B.Sc. (Hons) Med. Biochem. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry - B.Sc. (Hons) Med. Biochem. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 57 tal-2017, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

It-Tħassir tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 5 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 5 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 4 sa 9.